KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

Laqgħa tal-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023, fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Carmen Borg - Kunsilliera
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Josef Cuschieri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**
Cynthia Tommasuolo – Kunsillera

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjedi l-laqgħa

**53.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.02.01 Ġew ċċirkulati l-minuti ta' Seduta Nru 52 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija

Il-minuti ġew approvati unanimament.

53.02.02 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li intbagħtet ittra lid-dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-kunsilliera Cynthia Tomasuolo, biex naraw kif tinsab is-sitwazzjoni.
Il-Viċi Sindku staqsa għala dan id-dewmien kollu, però is-Sindku qal mill-ġdid li dan il-każ se jkun segwit kif suppost

53.02.03 Is-Sindku irringrazzja lil Tanya Agius Borg, li qabżet il-limiti tax-xogħol tagħha. Tiġa ħadet ħsieb li tagħmel meetings mal-istaff. Stqarr li hemm ħafna materjal pendenti però qed isir xogħol fuqhom

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg qal li huwa mportanti li wieħed iżomm ibes mal-impjegati, biex is-sitwazzjoni tkun dejjem tajba, u biex ix-xogħol dejjem jibqa' għaddej.

**53.03** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

53.03.01 Is-Sindku nforma li x-xogħol tal-Blata l-Bajda huwa lest u nhar it-Tnejn 10 ta' Lulju se ssir press conference mis-Segretarju Parlamentari.

53.03.02 Ix-xogħol fi Triq Joe Sciberras għadu għaddej.

53.03.03 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq Triq Manwel Magri u Triq Ġużè Maria Camilleri se jibda wara l-festa.

53.03.04 Is-Sindku informa li l-ewwel fażi tar-Roof Top Garden kważi lesta, u se tkun qed tibda ssir l-evalwazzjoni fuq it-tieni fażi, u wara jibdew il-rfinituri.

53.03.05 Is-Sindku informa li t-toroq il-ġodda li ntbagħtu l-applikazzjoni tagħhom ġew approvati biex ikunu msemmija għall-Giovanni Spiteri Sacco u għall-Mro Ronnie Pisani.

53.03.06 Is-Sindku informa li qed jipprova jsib lil xi ħadd biex iħaddem l-irrigazzjoni però s'issa għadu ma nstab ħadd.

53.03.07 Il-Kunsillier Eferm Buttigieg tkellem rigward l-esperjenza li kellhom barra minn Malta, fil-Litwanja. Qal li tassew ġew stmati, filwaqt li qal li għandhom kultura mill-isbaħ. Flimkien mal-kunsilliera l-oħra li kienu preżenti għal din il-mawra, Jurgen Grixti u Carmen Borg, ilkoll faħħru l-ġmiel ta' dan il-pajjiż, filwaqt li l-Kunsillier Buttigieg stieden kontinġent mill-Litwanja biex jiġu

għaċ-Chocolate Festival, hekk kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsilliera Borg qalet li għal futur għandna nikkunsidraw li nieħdu magħna xi gruppi folkloristiċi.

53.03.8 Is-Sindku reġa' ressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tax-xogħolijiet imwettqa fl-iskema tal-irrigazzjoni. Dan ix-xogħol sar lura fis-sena 2020

53.03.09 Is-Sindku informa li l-kunsill se jkun qed japplika għal skema bl-isem ta' Skema Finanzjarja - Komunitajiet aktar siguri u organizzat, bil-għan li noffru aktar informazzjoni lill-pubbliku dwar is-sigurtà. Din il-kampanja se tkun ibbażata kemm b'materjal stampat u kemm materjal diġitali. In-nefqa hija ta' €13,107.44 (vat inkluż), però l-kunsill se jkun qed jiffinanzja 15% ta' dan l-ammont, li huwa ta' €1966.05, filwaqt li l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ammont. Il-Kunsill qabel.

**53.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

53.04.01 Il-Viċi Sindku qal li tkellem bosta drabi mal-Perit dwar it-traffic management fi Triq Abela Scolaro li jidher li qed tkun ta' periklu għan-nies, però huwa għadu ma iltaqax miegħu ħabba li kien indispost.

53.04.02 Il-Kunsilliera Carmen Borg qalet li waqt l-attivitajiet organizzati mir-Reġun, dawn se jkunu qed jibdew jipprovdu t-trasport lill-kunsilli.

53.04.03 Il-Kunsilliera Carmen Borg qalet ukoll bħala reġjun lill-NGO's u l-VO's se jkunu qed jiġu offruti 700e, għall-festa speċjalment fejn jidħlu affarijiet tal-LESA.

53.04.04 Fiż-17 ta' Lulju se jibdew il-lezzjonijiet ta' reviżjoni li jidher li hemm konkorrenza tajba.

53.04.05 Il-Kunsillier Eferm Buttigieg qal li hemm bżonn issir xi ħaġa fejn hemm ibins fin-naħa tar-Rabbat quddiem Triq Wenzu Mifsud Bonniċi, għax ħabba f'hekk il-karozzi mhux qed ikunu jistgħu jipparkjaw. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg tenna li hemm ħafna tgergir fuq it-toroq u l-bankini. Vera li x-xogħol irid isir, però qal li huwa mportanti li jsir pressure biex ikollna aktar informazzjoni biex meta r-residenti jistaqsu dawn jingħataw tweġiba.

**53.05 Approvazzjoni ta' skeda ta' ħlasijiet**

53.05.01 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' ħlasijiet (Skeda numru 07-23) għall-approvazzjoni

53.05.02 Dawn ġew proposti mis-Sinjura Carmen Borg u sekondati minn Efrem Buttigieg

**53.06 Update ta' Proġetti mill-Kunsill Lokali**

53.06.01 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-binja tal-Ħamrun Scouts mixi sew filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qed jieħu ħsieb ix-xogħol klerikali tagħha.

53.06.02 Is-Sindku informa lill-kunsill li bħalissa qed isiru xogħolijiet mal-faċċati, parti mill-iskema tal-Planning Authority fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

53.06.03 Il-Kunsilliera Carmen Borg tkellmet rigward il-bankini, għax huma ħafna dawk li qed igergru fuqhom. Dawn huma Triq San Gejtanu u Triq il-Kbira.

53.06.04 Is-Sindku qal li ġibdet l-attenzjoni fuq dan il-punt u qed jistennew biex jiġi il-madum, filwaqt li qed isir ukoll xogħol fuq id-drenaġġ.

53.06.05 Saret diskussjoni ħielsa fuq is-suġġett, fejn kien hemm qbil li għandha ssir pressjoni biex dan ix-xogħol jitlesta biex jiġu evitati l-inċidenti.

53.06.06 Is-Sindku informa ix-xogħol fi Triq San Gejtanu mixi, bit-tama li dan ikun lest sal-festa ta’ San Gejtanu

53.06.07 Kien hemm diskussjoni ħielsa fuq is-Sala tal-Kunsill, fejn Is-Sindku informa li x-xogħol se jkun qed jitkompla, però hemm issue fuq is-suffitt. Inġabret stima li tammonta għall-€1800, li però se jiġu mill-Planning Funds. Il-Kunsill qabel ma’ din l-ispiża.

53.06.08 Is-Sindku informa li x-xogħol fil-Ħamrun Hub mixi , fejn tqaxxar il-ħajt, tbaxxiet l-art, u qed jiġu rranġati xi travi, filwaqt li se jiġi mgħoddi d-dawl u l-ilma. Huwa qal li dan se jkun kunċett mill-isbaħ.

53.06.09 Is-Sindku informa lill-kunsill li l-Baned tal-Lokal talbu għajnuna lill-Kunsill fejn jidħol Health and Safety, u biex ngħinu fil-ħlas tal-insurance tan-nar. Il-Kunsill qabel ma’ din l-ispiża.

53.06.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba mill-Ħamrun Girl Guides u mill-Kummissjoni KidZ&TeenZ Tamlin biex il-kunsill jgħin fil-ħlas tat-trasport għall-attivitajiet. Il-Kunsill qabel ma’ din l-ispiża.

53.06.11 Is-Sindku informa sar meeting mal-kumpanija tal-E-Scouters, fejn dawn talbu biex jinsabu slots għalihom. Dawn l-islots però ma jkunux ġo parking bay imma f’post apposta għalihom.

53.06.12 Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera fejn però ġie konkluż li għandhom jinħolqu spazji apposta għalihom, ikunu spazji organizzati. Filwaqt li kulħadd ikun irid jipparkja sew u minn le jingħata ċitazzjoni. Il-Kunsill se jkun qed jara l-għażliet kollha disponibbli.

53.06.13 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li kien hemm deputat parlamentari li talab li darba fil-ġimgħa jkun jista’ jilqa’ lin-nies fis-Sala Zammit Cordina. Wara diskussjoni libera fit-tul, il-Kunsill qabel li din ma’ tingħatax.

53.06.14 Il-Kiteb – Discovering Ħamrun – Saret diskussjoni libera dwar kif l-aħjar jiġi imnedija din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsillier Eferm Buttigieg issuġġerixxa li ssir serata ta’ letteratura u kultura, filwaqt li l-Kunsillier Josef Cuschieri issuġġerixxa li din is-serata tkun amalgamata ma’ serata f’ġieħ Charles Camilleri. Id-diskussjoni tkompliet biex tinstab data u post fejn issir din is-serata. Ġiet imsemmija d-data tal-Ġimgħa 28 ta’ Ġunju fi Pjazza San Pawl.

53.06.15 Diskussjoni li tkompliet billi s-Sindku qal li dan il-ktieb għandu jkun bħala rigal lill-Ħamrun. Il-Kunsill approva li din l-attività ssir fi Pjazza San Pawl.

**53.07 Rapporti**

53.07.01 Ma kienx hemm materji x’jiġu diskussi

**53.08 Festa San Gejtanu 2023**

53.08.01 Is-Sindku informa li bħas-soltu se nkunu qed nafsu fejn jidħlu bars u speakers fuq barra. Is-sena l-oħra kienu saru xi abbużi għalhekk din is-sena l-kunsill se jkun aktar stretti.

53.08.02 Il-Viċi Sindku qal li huwa mportanti li l-permessi jkunu l-istess għal kulħadd.

**53.09 Chocolate Way (Modica)**

53.09.01 Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa virtwali maċ-Chocolate Way biex tibda ħidma bejn iż-żewġ lokalitajiet. Modica huwa post viċin u popolari sew għaċ-ċikkulata. Saret stedina biex ikun hemm laqgħa mas-Sindku biex rappreżentanti tagħna jżur ic-Chocolate Festival ta’ Modica u viċe-versa. Ġiet mitluba laqgħa minn-naħa tagħhom għas-6 ta’ Lulju 2023

53.09 Is-sindku inform li biex inkunu parti mic-chocolate way u nibbenifikaw minn din l-esperjenza inridu nkunu membri u l-ħlas ikun ta’ 1000e. Il-kunsill qabel unanimament.

53.09.02 Is-Sindku informa li jħoss li għandhom jattendu hu, s-Sur Mario Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt għall-istedina ta’ Diċembru għandu jkun preżenti kulħadd, jew kull min jista’.

**53.10 Aġġornament fuq l-impjegati**

53.10.01 Is-Sindku informa li *impjegata 1* tat ir-riżenja tagħha b’mod immedjat. Prova jagħmel kuntatt magħha però qatt ma wieġbet. Rigward *impjegata 2* qed naraw jekk tagħtix in-notice u tiġi offruta l-opportunita’ biex taħdem dawn fuq bażi ta’ reduce hours.

53.10.02 Bħalissa qed jittieħdu pariri mingħand id-DIER biex naraw x'inhu l-pass li jmiss.

**53.11 Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

53.11.01 Il-laqgħa ntemmet is-6.45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Lulju fil-5pm.

Konfermati, illum, 25 ta' Lulju 2023

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **iffirmat** |
| ______________________ | ______________________ |
| Christian Sammut | Tanya Agius Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |